# 46. ’Il Fuq miċ-Ċpar

Iċ-ċpar qed jgħatti kollox,
    is-sema, l-baħar, l-art;
Sultan il-jum fix-xefaq
    idandan b’ħafna ward
ma jista’ d-dehra tiegħu,
    u mdagħdagħ għal daċ-ċpar
qed jaħli saħtu kollha
    iħammar kollox nar.

’Mma ‘l fuq miċ-ċpar isimgħu
    mitlufa fis-smewwiet
il-bilbla tfesdaq l-għana
    bħal xita ta’ ħlewwiet;
fis-saltna kaħlanija
    tiġri, timraħ bla serħ,
‘il fuq minn l-art waħdiena
    dik qalbha tfur bil-ferħ.

’Il fuq! ’Il fuq! qalb tiegħi,
    dlonk ċarrat il-għolliq
li jotbtok ma’ did-dinja
    ta’ biki, għali, lfiq;
’il fuq mill-qtajja’ fiergħa
    ikollok ftit tas-serħ;
fi ħsiebek waħdenija
    isaltan fik il-ferħ.